# Karmnu Attard (L-Għawdxi) u t-traġedja tal-fliegu tal-1948

*Storja u Riċerka minn Conrad D'Amato*

## Introduzzjoni

Wieħed mill-aktar personaġġi li żgur se jibqa' msemmi minn ġenerazzjoni għall-oħra fost in-nies tar-raħal, bla dubju ta' xejn hu Karmnu Attard li mal-Birżebbuġin kien magħruf bħala l-Għawdxi. Però nistħajjilkom tistaqsuni għaliex qed tgħid dan? Bħal ma tafu Karmnu kien kaxxier ta' din is-soċjetà, però ma' Karmnu hemm marbuta ġrajja kiefra li għadda minnha fil-bidu ta' żgħożitu.

### Min kien Karmnu?



Karmnu Attard, iben Ġuże' u Pawla nee' Cini, twieled nhar it-22 ta' April 1933 ġewwa Port de-Bouc fi Franza, fejn il-ġenituri tiegħu kienu emigraw għal xi żmien. Hu kien it-tieni fost sebà aħwa, li tnejn minnhom mietu f'età tenera. Trabba ġewwa l-Qala f'Għawdex. Ta' tlettax il-sena tilef lil missieru u għalhekk kellu jmidd għonqu għax-xogħol għax daħal jaħdem il-posta. Meta kellu ħmistax-il sena għadda minn traġedja li dwarha se nitkellmu fid-dettal aktar 'il quddiem. Ftit wara, Karmnu flimkien ma' familtu niżlu joqogħdu Malta.

Peress li dak iż-żmien Malta kienet għaddejja minn qagħda xejn tajba, Karmnu ddeċieda li jfittex futur aħjar 'il bogħod minn xtutna ġewwa l-Awstralja. Għalhekk l-ewwel tela' hu, u ftit wara telgħet il-mara futura tiegħu Antonia. Huma żżewġu fid-19 ta' Diċembru 1954 u kellhom żewġt itfal. Wara li għamlu diversi snin l-Awstralja, il-familja Attard ġiet lura lejn Malta fejn għall-ewwel marru joqogħdu Marsaxlokk. Sena wara, niżlu joqogħdu Birżebbuġa, eżattament fi triq il-Brolli.

Karmnu malajr integra ruħu fil-komunità ta' Birżebbuġa. Il-karattru ċajtier u t-temperament ferrieħi tiegħu malajr ġibdu s-simpatija ta' ħafna Birżebbuġin. Madwar ħames snin ilu, hu ġie elett bħala membru fil-Kumitat Eżekuttiv ta' din is-Soċjetà. L-aħħar kariga li kien jokkupa kienet dik ta' kaxxier. Il-karattru sod li kellu żgur li kien strumentali sabiex ħa diversi deċiżjonijiet kruċjali li xi darba ma kinux aċċettati minn kulħadd. Karmnu kien ukoll strumentali wkoll fil-proġett tal-bini tal-każin il-ġdid, fejn nistgħu ngħidu li ma kull ġebla ħalla l-marki tiegħu. Is-sede tas-soċjetà hi mimlija b'tifkiriet tiegħu, b'xogħol li kien jagħmel flimkien ma' sħabu.

### X'wassalni sabiex nagħmel din ir-riċerka?

Il-ġrajjiet li seħħew fuq il-baħar minn dejjem ġibduli attenzjoni u dan forsi għax sa minn ċkuniti l-baħar dejjem ħassejtu parti minni. Sa minn meta kont tifel kont nisma' diversi sajjieda ta' ċerta eta' isemmu din il-ġrajja ta' Għawdex.

Iktar ma għadda ż-żmien, nibtet fija l-kurżità li nsir naf aktar dwarha, l-aktar meta sirt naf lil Karmnu.



**Karmenu Attard fil-bidu ta' żgħożitu**

F'April tas-sena l-oħra kont avviċinajt lil Karmnu sabiex nintervistah, però ftit wara Karmnu ħalliena u għalhekk kollox sfaxxa fix-xejn. Però wara ftit fettilli nipprova nfittex u nara jekk fadalx xi ħadd mit-tlieta l-oħra li salvaw li għadu ħaj.

Wara ħafna riċerki bil-għajnuna tal-Kunsill Lokali tal-Qala rnexxieli nsib persuna li rrakontatli dak li ma kellix ix-xorti nisma' mingħand Karmnu.

Dan m'hu ħadd ħlief is-Sur Pawlu Zammit mix-Xagħra Għawdex. Minn hawn pubblikament nixtieq nirringrazzjah talli laqagħni f'daru u bit-tbissima simpatka fuq fommu rrakontali dak kollu li għadda minnu hu u sħabu 55 sena ilu.

## X'ġara eżatt nhar it-30 ta' Ottubru tal-1948?

### Għaliex bil-luzzu u mhux bil-vapur?

Dak iż-żmien it-trasport bejn il-gżejjer kien permezz ta' żewġ vapuri li kienu mmexxija mis-Sur Gasan. L-ewwel wieħed kien il-Calypso u ftit wara ingħaqad miegħu l-Bancini. Ġara li dakinhar tat-traġedja, il-Banċinu m'għamilx it-tieni vjaġġ tiegħu ta' wara nofsinhar minħabba l-maltemp, u minflok mar trakka San Pawl il-Baħar. Peress li dakinhar kien l-aħħar Sibt tax-xahar diversi Għawdxin li kienu jaħdmu Malta riedu jmorru Għawdex. Għalhekk, iltaqgħu quddiem Kastilja, fejn dak iż-żmien kien hemm il-venda, u minn hemm irħewla għall-Marfa bix-xarabank. Karmnu (l-Għawdxi) kien ilu mit-3.30 p.m. jistenna l-Marfa, u wara li għadda xi ħin mhux ħażin jistenna, iddejjaq u reġa' lura lejn il-Mellieħa bil-mixi ma' sieħbu Mikelanġ li dan baqa' sejjer il-Belt. Hekk kif wasal il-Mellieħa ra xarabank li diġa' semmejna mimlija bl-Għawdxin, u rikeb magħhom. Hekk kif waslu l-Marfa kienu b'kollox 25 ruħ. Kif waslu kkonfermaw ruħhom li l-vapur ma kienx qed jaħdem u għalhekk xi wħud ippruvaw jagħmlu xi arranġamenti sabiex iġibu luzzu minn Għawdex. Wara ftit beda jidher il-luzzu ġej minn Għawdex, u hekk kif trakka mal-moll kulħadd iffolla biex jitla'. M'għandniex xi ngħidu xi naqra tilwim inqala' għax il-luzzu kien fih madwar 16-il pied biss, u għalhekk ma setgħax jirkeb kulħadd. Għall-ħabta tas-7.00 p.m. il-luzzu nqala' minn mal-moll b'27 ruħ abbord u beda vjaġġ mingħajr tmiem lejn Għawdex.

### Jibda l-vjaġġ....

Peress li r-riħ kien qed jinfoħ mil-Ibiċ, il-Padrun tal-luzzu Karmenu Grima mill-Qala ddeċieda li jgħaddi minn wara Kemmuna għall-irdoss. Miegħu kellu lil Salvu Refalo (ta' Ħarbat) minn Għajnsielem li ġie miegħu sabiex jgħinu. Fuq il-luzzu kien hemm żewġ puluzija, mara waħda u kelb li skond kif jgħidu l-gazzetti dan salva mill-għarqa. Karmnu (l-Għawdxi) kien l-iżgħar persuna fuq il-luzzu u kien bilqegħda quddiem. Hekk kif irrealizzaw li l-vjaġġ ma kienx se jkun faċli, Leli Camilleri miż-Żurrieq (l-uniku Malti abbord) li kien membru tas-Soċjetà tal-museum, beda jgħid ir-rużarju. Waqt li kienu għall-irdoss ta' Kemmuna, qamet kwistjoni bejn il-padrun tal-luzzu u l-passiġġieri dwar kemm se jħallsu. Il-padrun talabhom 4 xelini, li wara ħafna argumenti, dawn niżlu għal tliet xelini u nofs. Hekk kif il-luzzu beda jħalli l-irdoss ta' Kemmuna, il-padrun tal-luzzu deher imħasseb bil-maltemp li sabu u għalhekk dar fuq il-passiġġieri u qallhom li kien se jdaħħal il-luzzu fil-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien. Hawn inqalgħet kwistjoni oħra għax ħadd ma ried jidħol Ħondoq ir-Rummien għajr żewġ passiġġiera. għalhekk il-luzzu baqa' sejjer fid-direzzjoni ta' l-Imġarr.



Karmenu Grima... il-padrun tal-Luzzu

### Il-luzzu jinbela' mill-ilma!

Il-qilla tal-baħar bdiet tagħmel dak li ħadd ma xtaq u x'ħin waslu f'post jgħidulu "l-Imġarraf" madwar mitt pass 'il bogħod mill-blat, beda jaħkimhom biża' kbir. Il-luzzu beda jixxengel min-naħa għall-oħra u l-ilma beda dieħel ġmielu . Pawlu Zammit li kien fil-poppa, dar fuq il-padrun u qallu li kellu saqajh mgħarrqin fl-ilma. Il-padrun beda jmerih u dlonk dar fuq sieħbu (Salvu Refalo) u staqsieh jekk kienx għamel il-bokkaport. Dan wieġbu li kien nesieh u dlonk il-padrun qal: "Mela għal isfel aħna". Fil-pront il-luzzu deher nieżel u fi ftit sekondi dan inbela' mill-ilma, u hawn beda vjaġġ ieħor sal-qiegħ tal-baħar.

### Isalvaw erbgħa minn sebgħa u għoxrin!

Nistgħu lkoll nimmaġinaw dak il-ħin x'paniku nqala', kollha fil-baħar imqabbdin ma' xulxin. Hu mifhum li ta' l-anqas ħamsa rnexxielhom jaslu sal-blat. L-ewwel wieħed kien Karmnu (l-Għawdxi). Dan beda jitlob lill-Madonna ta' Pinu u mewġa tellagħtu fuq il-blat. Wara ftit reġa' sab ruħu fil-baħar. Ipprova mill-ġdid jitla' mal-blat u rnexxielu permezz ta' ċurkett li kellu li weħel mal-blat. Telaq jiġri mingħajr żarbun u jersey li kien neħħihom sabiex jgħum. Hekk kif wasal Ħondoq ir-Rummien sab frejgatina u minnha ħa xkora sabiex issaħnu. Minn hemm telaq jiġri b'kemm kellu saħħa lejn il-Qala u mar dritt il-"Call Office", minn fejn ċempel ix-xatt ta' Għawdex, kellem lill-pulizija ta' l-għassa u tah ir-rapport li luzzu nqaleb 'il barra mill-"Imġarraf" u l-passiġġieri kienu fil-periklu. Wara baqa' sejjer id-dar f'numru 5, Hill Street, il-Qala u rrakonta kollox lil ommu. Hawn sab li kien tilef tliet liri u xi ritratti. Wara dan ir-rapport li għamel Karmnu, il-pulizija, immexxija mis-supretendent Depiro intbagħtet fuq il-post flimkien man-Navy u l-

Airforce. Id-Destroyer "Cheviot" u t-torpedo boat flimkien ma' lanċa ta' l-RAF intbagħtu għall-għajnuna.

Wara ftit salvat it-tieni persuna li kien Franġisku Gauci minn Kerċem, li dan tela' mal-blat u baqa' mal-blat u baqa' tiela ma' l-irdum. It-tielet persuna li salvat kien Mikiel Buttiġieġ min Nadur. Dan wasal lejn l-art permezz ta' landa, u għal 12-il darba ipprova jitla' mal-blat, imma ma rnexxielux. Imbagħad iddeċieda li joħroġ ftit 'il barra biex jistrieħ u hawn lemaħ persuna oħra li pprova jsalvaha, imma ma' laħaqhiex għax għerqet. Wara ftit iltaqa' ma' Rita Buttiġieġ mix-Xewkija li din bdiet issejjaħ lir-raġel tagħha Salvu. Sabiex jagħmlilha l-kuraġġ, dan qallha li hu kien ir-raġel tagħha u għalhekk għomew it-tnejn lejn il-blat. Ġara li mewġa kbira tefgħat lil Mikiel fuq il-blat, u meta mar biex isalva lil Rita, ġiet mewġa oħra li għattietha u ma rahiex aktar. Kienet ħasra li mietet meta tqis il-fatt li kienet kważi salvat. Il-katavru tagħha nstab tlett ijiem wara, fil-11.00 a.m. fil-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien. L-aħħar persuna li salvat kien Pawlu Żammit li dan irnexxielu jitla' fuq blata kbira magħrufa bħala "il-blata taċ-ċawl" u għamel tmien siegħat imqabbad magħha. Ċertu Manuel (taċ-Ċavett) mill-Qala, ipprova jwaddablu ħabel, però dan ma bediex jasal. Meta ra li ħadd ma' setà jgħinu dan talab għall-familja sabiex jiġu. Għall-ħabta tat-3.00 a.m., għajjien kif kien iddeċieda li jerġa' jaqbeż il-baħar, u bi tbatija kbira rnexxielu jgħaddi minn bejn żewġ blatiet u sab ruħu fuq blata oħra. Hawn ħutu, li kienu Salvu u l-kanonku Dun Ġużepp Zammit, salvawh billi għenuh jitla' ma' l-irdum. Minn hawn ittieħed l-isptar għall-kura flimkien ma' Mikiel Buttiġieġ. L-arloġġ li kellu m'idu waqaf jaħdem fis-7.15 p.m. L-għada kienu diversi l-messaġġi ta' sogħba li ġew mibgħuta mill-għola istituzzjonijet tal-pajjiż. It-Tnejn 1 ta' Novembru saret l-awtopsja tal-vittmi li kienu nstabu sa dak inhar fil-preżenza tal-maġistrat ta' l-għassa Dr. Gouder. Din saret minn Dr. Cauchi, Dr. F. Debono u minn Dr. Alexander Cachia Żammit, li dan ta' l-aħħar hu minn Birżebbuġa u bil-għajnuna t'Alla għadu mimli bil-għomor sal-lum. L-Erbgħa 3 ta' Novembru fil-Katidral ta' Għawdex sar l-ewwel funeral statali bil-katavri li kienu nstabu sa dak inhar. L-aħħar katavru, ta' Ċikka Portelli mir-Rabat (Għawdex) instab ġimgħa wara fl-inħawi tal-bajja tal-Ġnejna (Malta). Il-Ħamis 4 ta' Novembru ġie mtella' l-luzzu bin-numru S816 minn qiegħ il-baħar u ġie emunkat sa l-Imġarr. Il-maġistrat ta' l-għassa kejjel il-luzzu u sab li kien fih 20 xiber (bejn 15 u 16-il pied). Dan kien propjeta' tas-Sur Holland minn San Pawl il-Baħar li kien silfu lil Karmenu Grima sabiex jaħdem bih. Fih instabet gaġġa bi fdal ta' għasfur li din kienet ta' Karmnu (l-Għawdxi) u sett tat-tieġ li kien tal-pulizija M. Azzopardi li kien wasal biex jiżżewweġ. Ma' dawn instab żveljarin li kien jimmarka is-7.10 pm.. Jista' jkun li dan il-luzzu għadu jintuża sal-lum, għall-fatt li ma ġarrabx ħsarat kbar. Tkun deċiżjoni għaqlija jekk dan jiġi priservat għall-fatt li miegħu għandu marbuta din il-ġrajja storika.

### Ħamsin sena wara ...

Fl-okkażjoni tal-ħamsin sena minn meta ġrat din it-traġedja, Pawlu Zammit, Mikiel Buttigieg u Karmnu Attard (l-Għawdxi) iltaqgħu t-tlieta li huma għall-ewwel darba wara ħamsin sena. Huma marru fuq il-post



**Pawlu Zammit, Mikiel Buttigieg u Karmnu Attard quddiem il-Monument fl-Imġarr Għawdex. (Ħajr Pawlu Zammit)**

fejn seħħet it-traġedja flimkien mal-qraba tal-vittmi, u minn fuq il-vapur t'Għawdex waddbu bukketti ta' fjuri fil-baħar. Fir-ritratti jidhru t-tlieta li huma, quddiem il-monument li kien għadu kif sar fil-port ta' l-Imġarr Għawdex, u li fuqu hemm lista tat-23 vittma ta' din it-traġedja.

### Konklużjoni

Karmnu miet eżattament fil-festa ta' Corpus Christi nhar il-Ħadd 2 ta' Ġunju 2002 fl-isptar San Luqa fl-eta' ta' 69 sena. Il-funeral li sar jumejn wara kien wieħed mill-akbar funerali li qatt saru ġo Birżebbuġa. L-attendenza tal-pubbliku f'dan il-funeral kienet prova ċara ta' kemm dan il-bniedem kien maħbub u rrispettat min-nies tar-raħal. Il-banda Għaqda Mużikali San Pietru Fil-Ktajjen, flimkien mal-Banda tas-Soċjetà Filarmonika Birżebbuġa ingħaqdu flimkien sabiex jagħtuh l-aħħar tislima. Għalkemm Karmnu miet, però xorta waħda għadu magħna fl-ispirtu, permezz tad-diversi tifkiriet sbieħ li ħalla lil dan ir-raħal.